***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u wieħed u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 26 ta' Awwissu 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Proġett tas-Suq*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur qed ilesti l-aħħar xogħolijiet ta' kostruzzjoni. Is-Sindku ikkumenta dwar il-fatt li l-proċess tal-ħruġ ta' offerti waqgħu lura minħabba nuqqas mill-Perit u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

- Il-Kunsill approva li jqabbad s-servizzi tal-Ing. Jason Vella u Odette Lewis sabiex jassistu lill-*Contracts Manager* tal-Kunsill fil-preparamenti tat-*tender* tal-*finishings*

tal-parkeġġ, partikolarment dak relatat ma' '*Electrical Installation, Fire Detection and Alarm, Lifts, Fire Fighting u Car Park Ventilation Systems'* għal-ħlas ta' €1,150 'l wieħed.

- Il-Kunsill approva li jinxtara bieb ta' garaxx għall-*workshop* tal-Kunsill mingħand il-kumpanija FGP għal-prezz ta' €370.00.

- Il-Kunsill approva li jħallas is-somma ta' €350.00 lill-Perit William Lewis għall-konsulenza tiegħu fil-Bord tal-Għażla għall-kuntratt tal-*finishings* tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Fis-5.45pm Dr. Jonathon Abela daħal għal-laqgħa.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-MEPA ħarġet kontarvvenzjoni f'imsu għaliex il-kuntrattur naqas li jipprovdi faċilitajiet u miżuri adegwati li jiżguraw lis-sit u l-madwar fi Triq id-Duka ta' Edinburgh jinżammu ndaf. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Pulizija biex tieħu permess fil-konfront tal-kuntrattur dwar l-istat kif ħalla Triq id-Duka ta' Edinburgh.

Fis-5.50pm s-Sur Mario Caruana daħal għal-laqgħa.

*4.2 Tberik ta' l-annimali*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mal-Patri Gwardjan tal-Franġiskani dwar l-attivita' ta' tberik ta' l-annimali. Il-Gwardjan spjega li xtaqu li din l-attivita' tingħata spinta. Il-Kunsill approva li jipparteċipa u li l-parteċipanti jingħataw Kukkarda u Ċertifikat.

*4.3 Yellow Line fi Triq Dun Nerik Cordina Perez*

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba tas-Sur Micallef kienet biex ma jipparkjawx vetturi kbar quddiem il-ħanut minħabba l-vetrina. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

*4.4 Meusec - Workshops*

Is-Sur M. Caruana u s-Sinjura C. Borg attendew il-*Workshops* organizzati mill-Meusec. Is-Sur M. Caruana spjega li l-*Workshop* li għalih kien irreġistra biex jattendi ma saritx. Is-Sinjura C. Borg spjegat li l-Meusec ser tibgħat informazzjoni dwar proġetti għal studenti.

*4.5 Festival taċ-Ċikkulata*

Il-Kunsill iddeċieda li jibda min issa b'kampanja promozzjonali għall-attivita'. Ġie deċiż ukoll li jiġi avviċinat il-Kumitat tal-Armar tal-Kunċizzjoni sabiex nużaw l-istess dawl li ntuża għall-festa tal-Kunċizzjoni.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-27 ta' Lulju u s-26 ta' Awwissu 2010.

*5.1 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattiva ta' Attivitajiet 2011*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jisottomettu applikazzjoni għall-skema dwar Inizjattiva ta' Attivitajiet 2011. L-applikazzjonijiet iridu jaslu sas-17 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill approva li japplika biex jorganizza c-*Chocolate Festival* is-Sibt 29 ta' Ottubru 2011.

Il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta mal-Onor. Dr. De Marco biex jiġi stabbilit jekk jistax jgħin lill-Kunsill biex tiġi organizzata Palio għas-sena d-dieħla.

*5.2 Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' – Premju Anzjan tas-Sena 2010*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li s-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' qed tilqa' nominazzjonijiet għall-Premju Anzjan tas-Sena 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jinnomina lis-Sinjura Josephine Zammit Cordina.

*5.3 St. Martin's Institute of Information Technology - Suġġerimenti*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand St. Martin's Institute fejn isuġġerixxew li titwessa l-bankina li hemm fi Triq Joe Sciberras faċċata tar-roundabout kif ukoll li ssir *humped pedestrian crossing*. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' uffiċċjal minn St. Martin's Institute.

*5.4 Memo 107/2010 – Allowance lis-Sindki*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-*Allowance* tas-Sindki żdiedet għal-€1,600 fis-sena.

*5.5 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati bil-metodu kif ser jiġu evalwati l-Kunsilli Lokali għall-Premju Lokalitajiet Indaf 2010.

*5.6 Perit William Lewis - Kontravenzjoni*

Il-Perit William Lewis inħarġitlu kontravenzjoni tal-ħin waqt li kien qed jgħati servizz lill-Kunsill Lokali Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Uffiċċjal Awtorizzat biex jieħu passi sabiex titwaqqa' din il-kontravenzjoni.

*5.7 Memo 109/2010 – Użu tal-Mobile Phones*

Il-Kunsilli Lokali ġew imfakkra li mhux permess li jsiru pagamenti għat-telefons ċellulari tas-Sindki u Kunsilliera.

*5.8 Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali – Uffiċċju Distrettwali*

Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fejn talbu laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskutu l-possibilta' li jikru parti mill-Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill biex jintuża bħala Uffiċċju Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Huma jkollhom bżonn Uffiċċju għad-*District Manager*, spazju għall-iskrivani, *kitchenette* u *restroom*.

Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lid-Dipartiment li m'hemmx spazju biżżejjed fl-Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill biex jakkomoda Uffiċċju Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

*5.9 Sur Charles Sultana – Special Parking Permit*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Sultana sabiex jinħariġlu *Special Parking Permit* għall-perjodu li jinsab b'vaganza f'Malta u residenti l-Ħamrun. Is-Sindku spjega li s-Sur Sultana jista' juża l-*iSpecial Parking Permit* tal-ġenituri tiegħu.

*5.10 Sur Brian Micallef - Kontravenzjoni*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Micallef fejn talab biex il-Kunsill iħassar żewġ kontravenzjonijiet li nħarġu fuqu u li kienu relatati mal-Kumpanija Melita li parkjat *mobile kiosk* kien mingħajr il-permess tal-Kunsill. Huwa spjega li ma kienx kiseb il-permess peress li kellu problemi fil-familja. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Micallef li t-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa u għandu jiġi ssuġerit biex jikteb direttament lill-Kumpanija Melita.

*5.11 Kumitat Reġjonali – Seminar MEPA*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jibgħatu rappreżentant għal-Seminar li ser torganizza l-MEPA rigward is-servizzi li joffru. Is-Seminar ser isir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru. Dr. J. Abela ser jattendi s-seminar.

*5.12 Legal Publishing - Abbonament*

Il-Kunsill iddeċieda li jwaqqaf l-abbonament li għandu mal-kumpanija *Legal Publishings* għal-Liġi ta' Malta. Ġie deċiż li jitħallas il-bilanċ dovut ta' €1,491.71 sabiex ikun jista' jitwaqqaf l-istess abbonament.

*5.13 Sur Stephen John Caruana – Publikazzjoni ta' Anton Sammut*

Il-Kunsill ġie preżentat b'żewġ kopji tal-ktieb '*Memories of Recurrent Echoes'* mill-awtur Malti Arthur Sammut. Il-Kunsill intalab jirriklama l-ktieb. Ġie deċiż li jsir artiklu fejn jiġi spjegat li l-Kunsill ġie preżentat b'dawn iż-żewġ kotba.

*5.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Laqgħa dwar 'Reference Framework for Sustainable Cities'*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-UE qed tiżviluppa għodda biex tintuża mill-ibliet ewropej fil-proċess tagħhom għall-iżvilupp ta' strateġija sostenibbli. Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw biex jieħdu sehem f'dan l-istudju. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jorganizza laqgħa f'dan ir-rigward nhar il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010. Is-Sur C. Valletta ser jattendi din il-laqgħa.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Ambjentali - Vodafone*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw għall-skema fejn il-kumpanija Vodafone ser tgħaddi €20,000 lil-ħames Kunsilli Lokali li wetqu proġetti li jtejbu l-Ambjent urban. Il-Kunsill iddeċieda li jissottometti l-proġett tar-Rijabilitazzjoni ta' Ġnien Oreste Kirkop. L-applikazzjonijiet iridu jidħlu sal-15 ta' Ottubru 2010.

*5.16 Dipartiment tal-Artijiet – Parkeġġ taħt l-art*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kummissarju tal-Artijiet li jekk irid il-Kunsill jista' jissuloka l-parkeġġ li nbena fis-sit tas-suq bil-kundizzjoni li dan il-kiri jsir wara sejħa pubblika.

*5.17 Sur Edward Zammit – Software Package*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija Clever Solutions ipproduċiet *software package* li jista' jkun ta' għajnuna għall-Kunsilli fil-proċess tal-maunutenzjoni fil-lokal. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa ma kienx interessat iżda li fil-bidu tas-sena d-dieħla wara li nkunu dħalna fl-uffiċċju l-ġdid nistiednu lil din il-kumpanija biex tagħmel demostrazzjoni tas-*software*.

*5.18 Av. Michael Zammit Maempel – Allegati ħsarat*

Il-Kunsill irċieva ittra uffiċjali mingħand l-Av. Zammit Maempel għan-nom tal-klijenti tiegħu Gasan Mamo Insurance Ltd fejn allega li vettura JMS 179 ġarrbet ħsarat ta' €4,634.48 wara li waqa' ħajt quddiem Gattard House. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Avukat tal-Kunsill biex jirrispondi uffiċjalment din l-ittra fil-Qorti billi jirrispinġi t-talba peress li l-manutenzjoni tas-sit mhux fir-responsabbilta' tal-Kunsill.

*5.19 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Town Twinning Conference*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li t-*Town Twinning Conference* ser issir fi Frar 2011.Il-Kunsilli Lokali Maltin li għandhom ġemellaġġ huma mistiednin jattendu mal-Kunsilli li huma ġemellati magħhom. Il-Kunsill approva li jipparteċipa u bgħat stedina lill-Kunsilli Lokali ta' Carpineto Romano u ta' Scilla.

Fis-6.55pm Dr. Jonathon Abela ġie skużat mill-laqgħa.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu mal-Perit Suzanne Bonello, *Manager* ġdida tat-*Traffic Management Unit* fi Transport Malta fejn ġew diskussi talbiet pendenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta talbet parir legali dwar il-kulur tal-*parking bays* fi żoni ta' parkeġġ bil-ħin. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Bord ma approvax li jsiru bollards fi Triq Kamelja iżda li ssir '*Keep Clear'*. Is-Sindku spjega li TM talbet kopja tal-permess tal-U Bars maħruġ mill-MEPA fi Triq Villambrosa.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-qsari li ser jinxtraw mingħand Zammit Nurseries jiswew €640.01. Il-Kunsill approva x-xiri tal-qsari biex jitpoġġew f'partijiet wiesgħa tal-bankini fil-Ħamrun sabiex isebbħu l-ambjent.

*6.3 Sotto Kumitat 7*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li kien qed jirċievi diversi lmenti partikolarment mingħand sidien tal-ħwienet dwar il-Gwardjani Lokali fil-Ħamrun u għalhekk kien ser jipproponi mozzjoni għall-konsderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sabiex tiġi diskussa mozzjoni trid tiġi segwita l-proċedura stabbilita fl-Ordnijiet Permanenti u għalhekk il-mozzjoni ma tistax tiġi diskussa fil-laqgħa ta' llum iżda ser titpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

*6.4 Sotto Kumitat 2*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew kors ta' taħriġ dwar amministrazzjoni ta' fondi miksubin mill-*European Social Fund*. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna li jirċievi l-*Grant Agreement* għall-iffirmar.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li hi flimkien mal-librara qed jiġbru lista ta' kotba bil-Malti adattati għall-librerija tal-Kunsill.
- Is-Sotto Kumitat qed jaħseb biex jorganizza ħarġa għall-Vittorja, Buffet *Breakfast* f'Settembru bħala tmiem tal-istaġun tas-sajf u Lejla Maltija f'Novembru.

## 7. Għażla ta' offerta – *Road Patching Works*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord ta' L-Għażla għadu ma kkonkludix l-evalwazzjoni tal-offerti li daħlu.

Ġie deċiż li din it-talba titpoġġa fuq l-Aġenda ta' laqgħa oħra tal-Kunsill.

## *8.* Għażla ta' offerta – *Services of Internal and External Finishes- New Council Administrative Offices*

Il-Kunsillier C. Borg infurmat lill-Kunsill li wieħed mill-Kuntratturi li ssottomettew l-offerti talab kwotazzjoni lir-raġel tagħha għal-xogħol ta' tqegħid ta' madum. Għaldaqstant kif stipulat f'Artikolu 19 ta' l-Att XV tal-1993 hija kienet qed tiddikjara bil-miftuħ interess pekunjarju li jista jkollha f'dan il-Kuntratt u irtirat mill-laqgħa.

Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla li nħatar mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħlu għal-kuntratt- *Services of Internal and External Finishes – New Council Administrative Offices* (kopja mehmuża ma' dawn l-offerti).

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Għażla li l-kuntratt ta' *Services of Internal and External Finishes – New Council Administrative Offices* jingħata lill-J&K Contractors Ltd peress li kienet l-orħos offerta u jissodisfa r-rekweżiti kollha tat-Tender.

## 9. ***Quarterly Financial Report*** **– April sa Ġunju 2010**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu April sa Ġunju 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għal perjodu April sa Ġunju 2010.

## 10. Festa San Gejtanu

Il-Kunsill iddeċieda li t-tema tal-*Hawkers* fil-festa għandha tiġi diskussa fil-bidu tas-sena sabiex nevitaw problemi fil-jiem tal-festa. Sadanittant il-Kunsill għandu jivverifika mal-MTA dwar kif jinħarġu permessi temporanji biex ħwienet li jkunu magħluqa jinfetħu għall-perjodu tal-festa. Il-Kunsill huwa tal-fehma li dan il-proċess m'għandux ikompli jsir għax qed joħloq inkwiet mas-sidien tal-ħwienet l-oħra fil-Ħamrun.

Fit-7.45pm Dr. J. Abela reġa' daħal għal-laqgħa.

Il-Kunsill għandu wkoll jieħu parir legali biex jara jekk ikunx jista' jirtira permess ta' *Mobile Kiosk* wara li jkun diġa' nħariġlu permess mill-Kunsill.

## 11. Attivitajiet – Milied 2010

Il-Kunsill iddeċieda li jinġabru stimi għall-armar ta' dawl għall-jiem tal-Milied.

Ġie deċiż li ssir laqgħa nhar il-Erbgħa 1 ta' Settembru 2010 fis-7.00pm biex jiġi diskuss programm ta' Attivitajiet għall-Milied għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Joe Cauchi u s-Sur Jeffrey Azzopardi għandhom jiġu mistiedna għal din il-laqgħa.

## 12. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

### 12.1 *Tismija ta' Triq*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra biex isemmi triq fil-Ħamrun għal Guido De Marco. Ġie deċiż li l-Kunsilliera joħorġu b'suġġerimenti għal-triq li tista' tissemma għalih.

## 13. ***Schedule of Payments***

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-26 ta' Awwissu 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 14. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun | Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun |

____________________

DATA